

Brussell, 8 ta' Lulju 2026
(OR. fr)

11389/26
ADD 2

Fajl Interistituzzjonali:
2013/0072 (COD)

AVIATION 110
CONSOM 224
CODEC 1372

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (KE) Nru 261/2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitlegħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u r-Regolament (KE) Nru 2027/97 dwar ir-responsabbiltà ta' trasportaturi bl-ajru fir-rigward tat-trasport ta' passiġġieri u l-bagalji tagħhom bl-ajru (it-tielet qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv = Dikjarazzjoni

Franza talbet li d-dikjarazzjoni li ġejja tiddaħħal fil-minuti tal-Kunsill

Franza tappoġġa l-kompromess propost, li huwa pass 'il quddiem għad-drittijiet tal-passiġġieri, billi jipprovdi aktar ċarezza legali, jikkonsolida l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u jsaħħaħ l-effettività tad-drittijiet tal-passiġġieri.

Madankollu, Franza jiddispjaċiha li ċerti proposti ta' interess ġenerali ma ġewx aċċettati, b'mod partikolari dawk immirati biex jipprovdu qafas aħjar għall-intervent ta' intermedjarji fit-trattament tal-ilmenti. Franza tibqa' konvinta li għandha tingħata preferenza lil relazzjoni diretta bejn il-kumpanija u l-passiġġier, b'mod partikolari billi jiġi ffavorit il-ħlas ta' kumpens lill-benefiċjarju, sabiex jiġu limitati l-prattiki abbużivi ta' ċerti intermedjarji u biex jiġi żgurat li d-drittijiet rikonoxxuti mil-leġislatur Ewropew ikunu ta' benefiċċju sħiħ għall-passiġġieri.

Soġġett għal dawn ir-riżervi, Franza tappoġġa dan ir-Regolament.
